MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Dicembru, 2013

Mandat Numru. 1802/2013/1

**Ingrid Ratcliffe, Anthony Ratcliffe, Victor-Emanuel Agius u Francoise Vanderperre**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors kopjuz fuq indikat datat is-27 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi ghandhom interess li jigu protetti d-drittijiet taghhom;

1.2 Illi konsegwentement, biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex tinibixxi jew izzomm lill-Awtorita` intimata fuq indikata milli:

1.2.1. Tohrog permess ghall-izvilupp ta' sit f'Portomaso, Triq il-Knisja, San Giljan, kif dettaljatament indikat fir-rikors guramentat promotur;

1.2.2. Illi r-rikorrenti huma objetturi debitament registrati fil-procedura quddiem l-Awtorita` intimata;

1.2.3. Illi l-istess rikorrenti kienu gia` intavolaw mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-istess zvilupp, liema mandat kien gie michud;

1.2.4. Illi din irrizultat f'saga processwali li issa straripat anke fil-procedura odjerna kif dettaljatament riportat fir-rikors guramentat promotur, li a skans ta' dilungar inutili, mhux qed jigi riprodott izda ssir ampja referenza ghall-istess;

1.2.5. Illi hi l-fehma tar-rikorrenti li l-qorti ghandha tilqa' t-talba *de quo*, anke b'mod definittiv u permanenti;

2.0 Rat id-digriet precedenti taghha datat it-22 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu:

2.1 Laqghet it-talbiet tar-rikorrenti provizorjament;

2.2 Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fil-modalita` indikata fl-istess digriet;

3.0 Rat ir-risposta kopjuza wkoll tal-Awtorita` intimata datata t-2 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1 Illi l-procedura inoltrata mir-rikorrenti hi irritwali;

3.2 Illi s-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar tghaddi in gudikat u hi ezegwibbli skont il-ligi;

3.3 Illi hafna mill-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti huma indirizzati b'mod erroneu lill-qorti *de quo*;

3.4 Illi *di piu`*, kwalunkwe permess moghti mill-Awtorita` intimata jkun minghajr pregudizzju tad-drittijiet ta' terzi;

3.5 Illi a skans ta' dilungar inutili u infruttiferu din il-qorti taghmel referenza ghall-istess risposta *de quo* fl-interezza taghha;

3.6 Illi *di piu`* irrizulta sottolineat mill-abbli rapprezentant legali tal-Awtorita` intimata li effettivament id-decizjoni tat-Tribunal imsemmi aktar 'il quddiem giet appellata mir-rikorrenti, u li bhala konsegwenza diretta tal-istess, l-ebda tip ta' permess ma jista' jinhareg mill-istess Awtorita` intimata sakemm dan l-appell idum pendenti;

Ikkunsidrat:

4. Illi ghalhekk fl-istadju odjern jirrizulta assodat li l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti li l-Awtorita` intimata tohrog il-permess minnhom tant temut, ma jistax javvera ruhu;

5. Illi ghalhekk, il-premessa li fuqu tistrieh l-azzjoni odjerna tar-rikorrenti hi ghal kollox nieqsa;

6. Illi ghaldaqstant, ma jezistux il-presupposti ta' irrimedjabbilita` u ta' provi *in prima facie* rikjesti mill-ligi biex jiggustitikaw ir-rimedju indirizzat;

**DECIDE:**

7.0 Illi in vista tal-premess:

7.1 Takkolji r-risposta tal-Awtorita` intimata;

7.2 Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

7.3 Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet provizorju precedenti taghha;

7.4 Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti fuq indikati.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------